

31998D0582

L 281/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.10.1998

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Ottubru 1998

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE li tistabbilixxi disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar sħarriġ statistikali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

(98/582/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 dwar sħarriġ statistikali fuq il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib⁽¹⁾ u, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib⁽²⁾ jstabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-butir soġġett għal sistema ta' intervent pubbliku u l-butir li jikkwalifika għal sussidji ta' ħażna privata; billi l-butir soġġett għall-intervent pubbliku għandu jkun prodott direttament u esklussivament minn krema pasturizzata; billi din il-kundizzjoni ma tapplikax għal butir f'ħażniet privati; billi għal ċerti miżuri li jipprovdu għajjnuna għall-bejgħ ta' butir fis-suq tal-Komunità u b'mod partikolari s-sistema msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2571/97⁽³⁾, il-butir għandu jkun prodott direttament u esklussivament minn krema pasturizzata biex dan ikun jista' jikkwalifika;

Billi l-kwantitajiet kbar ta' butir li jirċievu sussidji mill-Komunità fir-rigward tal-produzzjoni totali jeħtieġu li tiġi stabbilita bażi statistikali li hija xierqa għas-sorveljanza tat-tipi differenti ta' butir u li tista' tagħti kas tad-distinzjoni msemmija fuq;

Billi, biex tkun żgurata ġestjoni tajba tal-politika komuni dwar l-Agricoltura, b'mod partikolari is-suq tal-butir, il-Kummissjoni teħtieġ *data* eżatta li tipprovdi informazzjoni ta' minn jorbot fuqha dwar l-iżvilupp preċiż tat-tipi diversi ta' butir u ta' prodotti sofor oħra tax-xaħam tal-ħalib;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni⁽⁴⁾ jipprovdi diġà għall-analiżi tat-tipi differenti ta' butir skond il-kodiċi tan-nomenklatura magħquda applikabbli għall-kummerċ; billi, biex tibqa' konsistenti

ma' dan il-metodu, huwa meħtieġ li tiġi segwita l-istess analiżi għall-butir għall-ġbir ta' informazzjoni statistikali dwar dan il-qasam; billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 li tistabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/16/KE fuq sħarriġ statistikali tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib⁽⁵⁾ għandha għalhekk tiġi emendata;

Billi, iżda, għal ċerti tipi ta' butir u prodotti sofor oħra tax-xaħam tal-ħalib huwa biżżejjed li għalissa jkun provdut għal ġabra u trasferiment tad-*data* f'din il-fażi, b'mod mhux obbligatorju;

Billi l-Kumitat Permanenti għal Statistika dwar l-Agricoltura (KPSA) ma tax l-opinjoni tiegħu sa l-ghelug taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu; billi l-miżuri li hemm provdut għalihom f'din id-Deċiżjoni għandhom, għalhekk, f'konformità ma' l-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/16/KE, jiġu adottati mill-Kunsill,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE għandhom jiġu emendati kif muri fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-6 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARTENSTEIN

⁽¹⁾ ĠU L 78, tat-28.3.1996, p. 27.⁽²⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1587/96 (ĠU L 206, tas-16.8.1996, p. 21).⁽³⁾ ĠU L 350, tal-20.12.1997, p. 3. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1061/98 (ĠU L 152, tas-26.5.1998, p. 3).⁽⁴⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1084/98 (ĠU L 151, tal-21.5.1998, p.1).⁽⁵⁾ ĠU L 24, tal-25.1.1997, p. 26.

ANNEX

L-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE għandu jiġi emendat kif ġej:

1) Il-Kodiċi 23 fil-lista tal-prodotti tal-ħalib għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Kodiċi tal-Prodott	Isem tal-Prodotti
23	Butir sħiħ u prodotti sofor oħra tax-xaħam tal-ħalib
231	Butir
2311	Butir tradizzjonali (*)
2312	Butir rikumbinat (*)
2313	Butir tax-xorrox (*)
232	Butir maħdum u żejt mill-butir (<i>butteroil</i>)
233	Prodotti sofor oħra tax-xaħam
2331	Butir b'xaħam imnaqqas (*)
2332	Oħrajn (*)

2) in-nota tal-qiegħ tal-paġna li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-aħħar tal-lista tal-prodotti tal-ħalib:

"(*) il-ġbir u t-trasferiment tad-*data* mhuwiex obligatorju."

3) it-test intitolat "BUTIR (23)" fin-noti ta' spjega għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"BUTIR (23)

Butir, sħiħ u prodotti sofor oħra tax-xaħam tal-ħalib (23): jinkludi butir, butir tradizzjonali, butir rikumbinat, butir tax-xorrox, butir maħdum u żejt tal-butir, u prodotti sofor oħra tax-xaħam, espressi f'ekwivalenti ta' butir li jkollu kontenut ta' xaħam tal-ħalib ugwali għal 82 % bil-piż tal-prodott.

— Tabella A: Id-Danimarka: tinkludi biss butir (231),

— Tabella B: l-intestaturi 231 (butir), 2311 (butir tradizzjonali), 2312 (butir rikumbinat), 2313 (butir tax-xorrox), 232 (butir maħdum u żejt tal-butir), 233 (prodotti sofor oħra tax-xaħam tal-ħalib), 2331 (butir b'xaħam imnaqqas) u 2332 (oħrajn) għandhom jiġu rreġistrati bil-piż tal-prodott. Il-punt 23 biss għandu jingħata fl-ekwivalenti tiegħu ta' butir.

Butir (231): prodott b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' mhux anqas minn 80 % u inqas minn 90 %, b'kontenut massimu ta' ilma ta' 16 % u kontenut massimu ta' materjal imnixxef tal-ħalib bla xaħam ta' 2 %.

— Jinkludi wkoll butir li jkollu ammonti żgħar ta' ħxejjex aromatiċi, ħwawar, sostanzi aromatiċi, eċċ. bil-kundizzjoni li l-prodott iżomm il-karatteristiċi ta' butir.

Butir tradizzjonali (2311): prodott miksub direttament u esklussivament minn krema pasturizzata, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' mhux anqas minn 80 % iżda inqas minn 90 %, b'kontenut massimu ta' ilma ta' 16 % u b'kontenut massimu ta' materjal imnixxef tal-ħalib bla xaħam ta' 2 %.

Butir rikumbinat (2312): prodott miksub miż-żejt tal-butir, estratt tal-ħalib niexef bla xaħam u ilma, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' mhux inqas minn 80 % u inqas minn 90 %, b'kontenut massimu ta' ilma ta' 16 % u b'kontenut massimu ta' materjal imnixxef tal-ħalib bla xaħam ta' 2 %.

Butir tax-xorrox (2313): prodott miksub mill-krema tax-xorrox jew minn taħlita ta' krema tax-xorrox u krema b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' mhux inqas minn 80 % u inqas minn 90 %, b'kontenut massimu ta' ilma ta' 16 % u b'kontenut massimu ta' materjal imnixxef tal-ħalib bla xaħam ta' 2 %.

L-intestaturi 2311, 2312 u 2313 jinkludu wkoll butir li jkollu ammonti żgħar ta' ħxejjex aromatiċi, ħwawar, sostanzi aromatiċi, eċċ. fuq il-kundizzjoni li l-prodott iżomm il-karatteristiċi tiegħu ta' butir.

Butir maħdum u żejt tal-butir (232):

Butir maħdum: butir maħdum ikollu kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' aktar minn 85 % fil-piż. Ħafna drabi, it-terminu jkopri, flimkien ma' butir maħdum innifsu, numru simili ieħor ta' butir imnixxfa magħrufin b'mod ġeneriku taħt ismijiet differenti, bħalma huma 'butir imnixxef', 'butir mingħajr ilma', 'żejt tal-butir (*butteroil*)', 'xaħam butiriku' (xaħam tal-ħalib) u 'butir konċentrat'.

Żejt tal-butir (*butteroil*): prodott miksub mill-ħalib, krema jew butir bi proċessi li jeliminaw l-ilma u l-estratt niexef mingħajr xaħam b'kontenut minimu ta' xaħam tal-ħalib ta' 99,3 % tal-piż totali u b'kontenut massimu ta' ilma ta' 0,5 % tal-piż totali.

— Jinkludi wkoll il-*'ghee'*.

— Biex jiġu evitati kalkoli doppji, iż-*'żejt tal-butir (*butteroil*)'* għandu x'jaqsam biss mal-produzzjoni diretta mill-krema.

Prodotti oħra sofor bix-xaħam (233):

Butir b'xaħam imnaqqas (2331): prodott simili għal butir b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' inqas minn 80 % bil-piż (barra x-xaħmijiet l-oħra kollha) (deskrizzjoni kummerċjali skond is-sezzjoni A tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2991/94 ⁽¹⁾): 'butir magħmul minn tliet kwarti xaħam', 'butir nofsu xaħam' u 'butir li jiddellek'.

Oħrajn (2332): b'mod partikolari xaħmijiet magħmula minn prodotti tal-pjanti u/jew ta' l-annimali: prodotti fil-forma ta' emulsjoni malleabbli prinċipalment tat-tip ta' l-ilma fiż-żejt, li jkunu ġejjin minn ħaxix solidu u/jew likwidu u/jew xaħmijiet ta' l-annimali tajbin għall-konsum tal-bniedem, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib ta' bejn l-10 u t-80 % tal-kontenut tax-xaħam (deskrizzjoni kummerċjali skond is-sezzjoni Ċ ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2291/94: 'taħlita', 'taħlita ta' tliet kwarti xaħam', 'taħlita ta' nofs xaħam' u 'taħlita li tiddellek').

Tabella B: jekk il-butir bix-xaħam imnaqqas (2331) u/jew 'oħrajn' (2332) jiġi prodott minn butir immanifatturat fl-istess fabbrika tal-ħalib u t-tip ta' butir ma jkunx jista' jiġi identifikat (2311, 2312 jew 2313) id-*data* għandha tittieħed mill-intestatura 23, li tindika l-kwantità ta' butir konċernat

⁽¹⁾ ĠU L 316, tad-9.12.1994, p. 2."

L-Anness II għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE għandu jiġi emendat kif ġej:

- 1) fit-Tabella B "UTILIZZAZZJONI", l-intestaturi tal-kodiċi 23 'Butir u prodotti sofor oħra li fihom ix-xaħam tal-ħalib' għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Kodiċi	B. UTILIZZAZZJONI
23	Butir sħiħ u prodotti sofor oħra li fihom ix-xaħam tal-ħalib
231	Butir
2311	Butir tradizzjonali (*)
2312	Butir rikombinat (*)
2313	Butir tax-xorrox (*)
232	Butir maħdum u żejt tal-butir (<i>butteroil</i>)
233	Prodotti sofor oħra li fihom ix-xaħam
2331	Butir b'xaħam imnaqqas (*)
2332	Oħrajn (*)"

- 2) in-nota li ġejja għandha tiżdied wara t-Tabella B:

"(*) il-ġbir u t-trasferiment tad-*data* mhuwiex obligatorju."